**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 01/08(30_01_08).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Jannar 2008, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-23 ta' Jannar 2008.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
6. Il-Karnival fil-Munxar 2008.
7. Il-Proġett tal-*Playing Field*.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Ms Karina Fiorini għall-Kummissarju għat-Tfal rigward Disinn ta' Maskot adatt għall-użu ta' promozzjoni ta' l-attivitajiet ta' dan l-uffiċċju. Il-Kummissarju qiegħda titlob lit-tfal biex iwasslu l-idejat tagħhom dwar x' forma jista' jkollu dan il-Maskot. Hija bagħtet *poster* u informazzjoni u talbet lill-Kunsill sabiex jiġu mwaħħla f' lokazzjoni viżibbli u prominenti.

2.02 Il-Kunsill irċieva ittra ta' *Reminder* mingħand Ms Deborah Pace, Dipartiment għall-Gvern Lokali b' kopja lill-Ministeru għal Għawdex u lill-Perit John Sciberras, Dipartiment ta' l-Artijiet rigward 'Devoluzzjoni ta' *Plot* 45, Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina'. Saret referenza għall-ittra li l-Kunsill kien bagħat lid-Dipartiment ta' l-Artijiet u lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħtu għajnuna lill-Kunsill biex jinstab post alternattiv lill-Pulizija li qed jokkupaw parti minn dan il-*plot*. Hija talbet sabiex id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jiġi informat kienx hemm xi żviluppi f' dan ir-rigward.

2.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur David Apap Agius, Tourism Zone Officer, Malta Tourism Authority indirizzata wkoll lill-Inġinier Bajada, Ministeru għal Għawdex, Faces Displays Ltd. u l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta rigward is-sitwazzjoni fix-Xlendi. Huwa bagħat diversi ritratti u elenka diversi *issues* sabiex titjieb din is-sitwazzjoni mill-aktar fis possibbli.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 27/2007 mingħand is-Sur James Catania, Assistent Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Ħlasijiet tal-Kirjiet tal-Gvern fil-Kunsilli Lokali'. Huwa saħaq fl-importanza li *usernames* u *passwords* jibqgħu għall-użu biss ta' l-individwu li għalih jew għaliha jkunu nħarġu u li huwa rregolari u ma jistax jibqa' jsir li *usernames* u *passwords* jgħaddu minn persuna għall-oħra jew jibqgħu jintużaw anke' meta individwu ma jibqax impjegat tal-Kunsill. Meta persuna ma tibqax impjegata tal-Kunsill, dan id-Dipartiment għandu jiġi informat biex jimblokka l-*username* u *password* u jinħarġu oħrajn f' ismijiet ta' impjegati tal-Kunsill.

2.05 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 06447/07 – *To construct balcony and to alter window into door*, fi Triq il-Qsajjem, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 06856/07 – *Construction of a sheep farm*, fl-Entrata ta' Kamleta *off* Triq Bardan, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.06 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 05607/07 – *Reconstruction of Xlendi Road*, fi Triq ir-Rabat, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 06851/07 – *To sanction variations from PA1345/90 and to construct apartment at third floor and penthouse* fi Triq iż-Żirżieb, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.07 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar li l-MEPA bagħtet lil sid ta' sit fil-Munxar. Dan kien rigward sit *off* Triq San Pawl minħabba żvilupp li jikkonsisti fi tfigħ ta' materjal/radam u dan mingħajr il-permessi meħtieġa.

2.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Bernard Farrugia, Direttur, Resolve Consulting rigward 'Health and Safety Risk Assessments of Playgrounds'. Huwa ta xi informazzjoni rigward diversi servizzi offruti mill-Kumpanija tiegħu u ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jikkuntatjah sabiex jiġu diskussi l-ħtiġijiet tal-Kunsill.

2.09 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 06732/07 - *Alteration to residence. Construction of swimming pool and reservoir*, fi Triq il-Munxar, Munxar, Applikazzjoni Nru. 07272/07 – *To split 3 apartments into 5* fi Triq it-Torri, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 07555/07 - *To amend previous application (PA808/05) so that wall separating the two gardens will be in old weathered stone and to sanction existing trees as per attached plan* fi Triq San Pawl, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 01/2008 mingħand is-Sur Alfred Armeni, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Stedina għal Seminar Informattiv dwar Żwiġijiet mis-Sindku' nhar it-22 ta' Jannar 2008, f' Dar il-Mediterran, Valletta. Dan id-Dipartiment bil-kollaborazzjoni tad-Dipartiment dwar ir-Reġistrazzjoni Ċivili se jorganizza dan is-Seminar fejn is-Sindki ser jingħataw it-tagħrif kollu meħtieġ dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita. Huwa bagħat ukoll il-Programm u ħabbar illi f' każ li għal xi raġuni s-Sindku ma jistax jattendi jista' jibgħat lill-Viċi-Sindku.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Martin Farrugia, EU Grants and Subsidies Consultant rigward 'EU Funds under Operational Programme I & II – Cohesion Policy 2007-2013'. Huwa ta xi informazzjoni rigward is-sejħa maħruġa mid-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet (PPCD) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-proġetti biex ikunu ffinanzjati minn fondi provenjenti kemm mill-Fondi Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEZR – ERDF) kif ukoll mill-Fondi Soċjali Ewropew (FSE – ESF). Huwa qed joffri s-servizz tiegħu sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika b' suċċess għall-fondi taħt din is-sejħa li l-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi sa nofsinhar tat-22 ta' Frar 2008.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Dennis S Borg, Segretarjat, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Laqgħa għall-Kunsilliera – Reġjun Għawdex li ser issir fit-2 ta' Frar 2008, fil-Lukanda Grand, Għajnsielem. Huwa bagħat il-Programm u l-Minuti ta' l-aħħar laqgħa li saret u talab sabiex dawn jingħataw kopja tagħhom lill-Kunsilliera kollha u jiġu infurmati dwar il-preżenza ta' l-istess Kunsillieri għal din il-laqgħa.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Avukat Roberta Lepre, Weave Consulting rigward 'EU Funding' u semmiet diversi proġetti li wieħed jista' japplika għalihom. Hija introduċiet il-Kumpanija Weave Consulting u tat lista ta' servizzi li din il-Kumpanija toffri. Hija stiednet lill-Kunsill sabiex jattendi għal *introductory meeting* li fih ser jiġi diskuss kif wieħed jista' jibbenifika mis-servizzi li din il-Kumpanija toffri.

2.14 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur David Soler, Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fl-14 ta' Diċembru 2007, u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur David Soler, Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa ta' dan il-Kumitat li saret fil-5 ta' Novembru 2007, sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Proċeduri Ġodda rigward l-iSkema ta' Saħħa għall-Kunsillieri u Ħaddiema Klerikali tal-Kunsilli Lokali'. Huwa elenka r-regoli ta' proċedura għal meta jkunu ser isiru *claims* u meta jkunu ser jiġu aġġornati l-membri ta' kull Kunsill Lokali, skond ftehim li ġie fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2008.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sena Ewropea ddedikata lid-Djalogu Interkulturali u s-St James Cavalier rigward 'Intercultural Dialogue in our Local Communities'. Ingħatat informazzjoni wkoll rigward 'The National Project – F.I.V.E. Fostering Intercultural Dialogue Valuing Europe' u ġew ipproponuti diversi inizjattivi li għandhom isiru b' assistenza tal-Kunsilli Lokali.

2.18 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Ms Alison Mizzi, Senior Manager, Fond Soċjali Ewropew (FSE), Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet rigward '50 sena tal-Fond Soċjali Ewropew'. Hija tat ftit informazzjoni rigward dan il-fond u ppreżentat DVD li nħoloq biex jimmarka l-ħamsin sena li l-FSE ilu jtejjeb il-ħajja tan-nies. Hija talbet li dan id-DVD ikun aċċessibbli għal kulħadd u indikat is-sit elettroniku li wieħed jista' jżur għall-aktar informazzjoni.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Therese Zammit, Segretarju Eżekuttiv, 4 Life Foundation rigward '4 Life Marathon 2008'. Hija għamlet referenza għall-Maratona ta' ġbir ta' fondi li organizzaw is-sena l-oħra u tat ftit informazzjoni fuq il-Maratona ta' ġbir ta' fondi li ser jorganizzaw din is-sena. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jagħti donazzjoni.

2.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur David Soler, Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement rigward 'Ħlas ta' Multi'. Huwa ġab għall-attenzjoni meta jsir ħlas ta' multa, multa u penali jew multa u multa addizjonali relatat ma' kontravvenzjoni. Ġew spiegati d-diversi tipi ta' kontravvenzjonijiet fejn il-multi jvarjaw minn waħda għall-oħra u ngħatat informazzjoni dwar x' jiġri f' dawn il-każijiet meta l-każ jinstama' quddiem it-Tribunal Lokali u l-Kummissarju għall-Ġustizzja jsib lill-akkużat ħati tal-akkuża miġjuba jew ma jkun deher ħadd.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Ian Xuereb, The Gozo Bird Breeders Society rigward *Presentation Lunch* li ser isir fl-20 ta' Jannar 2008 f' Palazzo Margherita, Sannat li fih ser isir il-preżentazzjoni tat-*trophies*. Il-Kunsill ġie mitlub jikkonferma jekk hemmx xi Kunsillier li ser jattendi sabiex jippreżenta t-*trophy* sponsorjat mill-istess Kunsill.

2.22 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar li l-MEPA bagħtet lil sid ta' sit fil-Munxar. Dan kien rigward sit fi Triq il-Munxar minħabba żvilupp li jikkonsisti f' żieda ta' kmamar fuq il-bejt, kif ukoll bidliet u żidiet fil-bini eżistenti u ħolqien ta' *swimming pool* u dan kollu mingħajr permess.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand resident ta' Triq it-Torri, Xlendi dwar triq li qiegħda fil-periklu li tisfronda. Din l-ittra diġa' ġiet irreferuta lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp sabiex jieħu l-passi meħtieġa.

3.02 Il-Kunsill irċieva l-ktieb it-tielet volum tas-serje "Bla Raġuni ….. Imma Jirraġunaw". Ġie deċiż li dan il-ktieb jinxtara u jingħata lil-Librerija tal-Munxar. Il-ktieb jiswa €5.24 *(Lm2.25)*.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, fejn infurmaw lill-Kunsill li qed isir *parking* doppju ta' traffiku fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Munxar u qed jitolbu biex il-Kunsill jieħu l-passi meħtieġa.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Chris Said għan-nom tal-Familji Debrincat, Grech, Parnis u Bonello u filwaqt li qed jagħmel referenza għal Planning Control Application li ser tiġi sottomessa minnhom dwar il-proprjeta' tagħhom fi Pjazza tal-Knisja, Munxar, dawn il-familji qed jitolbu lill-Kunsill Lokali biex jiddeċiedi illi jew jesproprja l-art proprjeta' tagħhom u jħallashom tal-istess proprjeta' esproprjata sabiex din tinfetaħ triq pubblika jew fin-nuqqas ta' dan jiddikjara bil-miktub li l-Kunsill mhux interessat li jesproprja din l-art u li m' għandu l-ebda oġġezzjoni li ssir applikazzjoni minn-naħa tagħhom sabiex il-linja tat-triq tiġi fejn fil-fatt tinsab illum, jiġifieri mal-Pjazza tal-Knisja. Ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li japplikaw fuq proprjeta' tagħhom.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ix-Xlendi fejn qed jirringrazzja lill-Kunsill għaliex bgħatlu l-Kartanzjan.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Perit tat-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern rigward talba sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fi Triq ix-Xatt, Xlendi. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

3.07 Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident ta' Triq ta' Bardan. Huwa qed jitlob sabiex isir *patching* fit-triq u lampa mal-*farm* tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li t-triq taqa' taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill ta' Sannat. Dwar il-bozza, s-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill kien diġa' waħħal żewġt bozoz li jagħtu għall-*farm*.

3.08 Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident ta' Triq ir-Ranċis fejn qed jitlob li f' din it-triq issir bozza oħra peress li f' din it-triq hemm bozza waħda biss u tinsab xi ftit mudlama. Ġie deċiż li jsir tentattiv biex jiġi indikat fejn tista' ssir lampa oħra.

3.09 Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni għal Euro Banknote Counterfeit Detector li tiswa €214.40 *(Lm92.04)* VAT inkluża. Ġie deċiż li tinxtara waħda għall-Uffiċċju tal-Kunsill.

3.10 Il-Kunsill irċieva ittra bid-data ta' 14 ta' Jannar 2008 mingħand l-Avukat Chris Said għan-nom ta' John u Mary Louise konjugi Bajada fejn talbu biex titneħħa l-*Web Cam* li hemm tagħti għal fuq il-faċċata tar-residenza tagħhom. Fis-16 ta' Jannar 2008, il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kummissarju tad-Data Protection fejn qed jitlob aktar informazzjoni dwar il-*Web Cam* li qed ixxandar fuq il-*Website* tal-Kunsill. Fit-22 ta' Jannar 2008, il-Kunsill irċieva protest legali ta' John u Mary Louise konjugi Bajada fejn qed jitolbu sabiex immedjatament titneħħa l-kamera u filwaqt li qegħdin minn issa jżommu responsabbli għad-danni kollha li jistgħu jiġru, jinterpellaw sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni ġia sofruti, u qegħdin iwissu illi fin-nuqqas ser ikunu kostretti jipproċedu kontra l-Kunsill skond il-liġi.
Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-11 ta' Jannar 2008, kien ġie l-Avukat Mario Scerri biex jara l-proċess kollu dwar il-*Web Cam* u ta l-parir li ma qed isir xejn kontra l-liġi. Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-21 ta' Jannar 2008 ċempillu d-Direttur tal-Gvern Lokali fejn talab li l-*Web Cam* ma turix il-proprjeta' ta' Bajada sabiex ikun jista' jieħu parir legali jekk hijiex tinkiser il-liġi. Ġie deċiż li l-Kunsill iwieġeb għall-ittra li rċieva permezz ta' l-Avukat Mario Scerri.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 01/08(30_01_08).

Il-ħin kien is-7.00 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata għall-4 ta' Frar 2008, fil-5.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa tkompliet nhar it-Tnejn, 4 ta' Frar 2008, fil-5 ta' filgħaxija.

Preżenti; Is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Patrick Grima – Kunsillier kien skużat.

**5.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

5.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa qed jitkomplew il-bankini li qed isiru fi Triq il-Madonna tal-Karmnu.

**6.00 Il-Karnival fil-Munxar 2008.**

6.01 Fil-15 ta' Jannar 2008 kien iltaqa' l-Kunsill sabiex jiġi diskuss il-programm tal-Karnival tal-Munxar. Il-Karnival tal-Munxar ser isir il-Ħadd, 3 ta' Frar 2008 fil-Pjazza tal-Knisja fid-9.30 ta' filgħodu. Ser ikun hemm 11 –il danza, sfilata mill-Maskaruni u Karru tal-Karnival. Għad-danza u l-Maskaruni l-Kunsill kien ser iħallas €81.53 *(Lm35.00)* filwaqt li għall-Karru kien ser iħallas €116.47 *(Lm50.00)*. Din l-attivita' ser tiġi ffilmjata biex tintwera fuq il-*Website* tal-Kunsill.

**7.00 Il-Proġett tal-*Playing Field*.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Ġiebja tal-*Playing Field* hija lesta. Il-Perit ser joħroġ il-kontijiet ta' dak ix-xogħol li tlesta. Minn għada kien ser jinbeda jsir l-irdim.

7.02 Is-Sindku talab lill-Kunsill biex issa li l-Ministeru għal Għawdex ipprovda l-ġebel biex jinbena *retaining wall*, il-Kunsill isib kuntrattur biex jibni dan il-ħajt. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob kwotazzjoni mingħand tlett kuntratturi.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li flimkien ma' l-Avukat Mario Scerri kienu marru fi Sqaq Dun Mikiel Anġ. Spiteri sabiex jagħti parir jekk dan l-isqaq jistax jinkesa bi *stencil concrete*. L-Avukat talab lill-Kunsill jiċċekkja jekk dan l-isqaq huwiex irreġistrat mad-Dipartiment ta' l-Artijiet biex jiġi vverifikat jekk huwiex pubbliku jew tal-privat.

8.02 Id-dawl ta' Triq il-Kantra reġa' xegħel u dawk il-fanali li tkissru fi Triq ir-Rabat ser jitranġaw. L-inġinier Renzo Curmi kien għamel spezzjoni fix-Xlendi sabiex iħejji r-rapport tiegħu dwar is-sitwazzjoni tal-lampi fix-Xlendi.

8.03 Il-*pots* tax-Xlendi ttellgħu l-mixta tar-Rabat biex jitħawwlu bil-Widnet-il-Baħar li ser jiġu pprovduti mill-Kunsill.

8.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien mar għand l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta sabiex isir xi tibdil biex ikunu jistgħu jsiru xi *zebra crossings* fit-toroq. Dik iż-*zebra crossing* tal-Pjazza ser titħarrek ftit 'il fuq filwaqt li biex issir *ż-zebra crossing* fi Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina trid issir *road hump* fil-bidu ta' Triq it-Tempju Megalitiku.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar is-sitwazzjoni legali fi Triq ta' Luvier. Is-sitwazzjoni għada l-istess u ma jistax isir tindif ġo din it-triq.

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Is-Sur Saviour Spiteri staqsa jekk huwiex possibbli li jsiru żewġt *road humps* fi Triq Ras il-Bajjada peress li qed jirċievi ilmenti dwar sewqan eċċessiv. Is-Sindku infurmah li l-Kunsill meta talab biex issir *road hump* quddiem is-Sur Raymond Spiteri kien hemm oġġezzjoni minn sid il-proprjeta' ta' faċċata iżda peress li din il-proprjeta' ma qed joqgħod ħadd u tinsab għal bejgħ, din ir-*road hump* tista' ssir u jekk 'il quddiem jiġi joqgħod xi ħadd li jilmenta, l-Kunsill jiddeċiedi skond il-każ. Is-Sur Spiteri fakkar ukoll dwar dak il-bank li kellu jitpoġġa fuq il-*concrete* taħt il-bankina fi Triq il-Munxar u ftit *cement* għar-rampa li hemm fil-Wied tax-Xlendi.

10.02 Is-Sinjura Carmen Said talbet biex sqaq li hemm viċin il-Pjazzetta 12 ta' Diċembru 1957 jitranġa peress li qed iżomm xi ilma. Hija fakkret ukoll dwar il-bankina li kellha ssir fi Triq il-Puniċi. Hija ġiet infurmata li dan ix-xogħol għadu ma bediex għax il-ħaddiem irid jiltaqa' ma' sid il-proprjeta' biex jiddiskutu kif għandha ssir.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien irċieva ilment li minn Triq ta' Rinota' qed jidħol xi ilma peress li l-qlib tat-triq huwa ħażin. Huwa qed jissuġġerixxi li jsir ftit *cement* quddiem il-bankina.

11.02 Is-Sindku ppropona li fl-okkażżjoni tal-50 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa, l-Kunsill għandu jġib l-Oratorju "Pawlu ta' Malta" biex issir fiċ-Ċentru Parrokkjali. Peress li din tiġi spiża konsiderevoli, ser isir sforz biex jinġiebu fondi bħala *sponsors*.

11.03 Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill jixtri kotba għat-tfal żgħar u jpoġġihom fil-Librerija tal-Parroċċa. Ser isir sforz biex jinġieb *sponsor* mingħand wieħed mill-Banek Kummerċjali.

11.04 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li kienet saret talba biex issir bozza fi Triq Żgħawri, quddiem il-*farm* u residenza privata. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 26 ta' Frar 2008, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***